MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Numru. 9/2006

PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI
VS
GERREDA MURAD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gerreda Murad, kif ukoll maghruf bhala Hadir Labyad, kif ukoll maghruf Hadi Mohamed Alsnussi Alabyad, iben Mohamed u Hawwa, imwieled Betlehem, Palestina fil-15 ta’ Marzu 1968, u residenti l-Lock Up kif ukoll Accommodation Centre Police General Headquarters Floriana, bla passaport jew dokumenti ohra, u akkuzat talli fit-28 ta’ Mejju 2005 u dati ta’ wara, ghal habta tad-disgha ta’ filghaxija u hinijiet ta’ wara, meta kien detenut fl-Accommodation Centre, Floriana, ikkommmetta harba mill-post tal-kustodja, liema harba saret bi ksur ta’ dan il-post tal-kustodja u dan bi ksur tal-Artiklu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U kif ukoll sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u cioe' mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fis-7 t'Ottubru 2003, mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D. fl-24 ta' Novembru 2003 kif ukoll mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL.D. fil-25 ta' Novembru 2003, u dan bi ksur tal-Artiklu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artiklu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sentejn prigunerija. Din il-piena qed tinghata stante illi l-imputat ammetta ghall-akkuza mhux ta' harba semplici, izda harba minn post ta' detenzjoni taht l-Artiklu 152 tal-Kap 9.

Illi mhux accettabbli illi wara l-ammissjoni u fit-trattazzjoni, id-Difiza tissolleva fatti biex jippruvaw jinfluwenzaw lill-Qorti biex taghti l-piena mahsuba ghal harba semplici. Dan il-ghaliex permezz tat-trattazzjoni ma jista' jigi approvat l-ebda stat ta' fatt.

Illi di piu', din il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, fejn kien diga' gie misjub hati ta' rezistenza bi vjolenza fuq diversi Ufficjali tal-Pulizija, ghal liema akkuzi kien inghata tnax-il xahar prigunerija.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ma setghetx titratta lill-imputat bhala 'a first offender'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------